8 ta' Novembru, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Nutar Antonio Galea, LL.D. *versus* Onor. Dr. Lewis Galea ne.

**Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Notarili — Qorti Kolleġjali — Art. 126 (1) tal-Kap. 92.**

*Il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili hija Qorti Kolleġjali; u għalhekk il-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti, bħal ma hija kwistjoni dwar jekk id-Direttur tar-Reġistru Publiku għamelx sewwa d-dmir tiegħu, għandha tkun deċiża minn dik il-Qorti kolleġjali, u mhux kompetenti biex jipprocedi fuq domandi simili riżitatur wieħed waħdu.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tan-Nutar Dottor Antonio Galea li, wara li espona li b'rikors preżentat fl-Ewwel ta' Mejju 1948, fil-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, l-esponent, wara li ppremetta illi d-Direttur tar-Reġistru Publiku fuq talba tiegħu kien lesta, ċertifikat kontenenti lista tan-numri tan-Noti ta' l-Insinwazzjonijiet inskritti fir-Reġistru Publiku rigward Dr. Giuseppe Pace mill-1933 sal-1939 mingħajr tra-

skrizzjoni ta' l-istess noti, għat-termini ta' l-art. 28 ta' l-Att tar-Reġistru Publiku, u illi l-imsemmi Direttur ma riedx l' dawn in-numri jitniżżlu bil-kliem imma biss b'ċifri, u għalhekk l-esponent irrifjuta jaċċetta dan iċ-ċertifikat, talab il-Qorti fuq imsemmija biex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Publiku li joħroġ l-imsemmi ċertifikat bin-numri mniżżlin bil-kliem, u mhux ċifri biss;

Li b'digriet tal-Maġistrat Dr. H. Borg Cardona tat-8 ta' Mejju 1948, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili astieniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-esponenti, peress li qalet li ma kienetx ta' kompetenza tagħha imma ta' natura purament amministrativa;

Li l-esponent iħoss ruħu aggravat mid-digriet pre-ċitat, u għalhekk qiegħed jinterponi appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Illi infatti l-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, meta tat id-digriet fuq imsemmi, ma kienetx komposta kolleġjalment kif trid il-liġi (art. 112 ta' l-Att dwar il-Professjoni Notarili), imma kienet komposta biss minn viżitatur wieħed, u viżitatur wieħed jista' jipproċedi unikament għall-ispezzjonijiet u għall-applikazzjoni ta' ċerti pieni dixxiplinari, u mhux kompetenti li jieħu konjizzjoni tal-każ taħt eżami;

Talab li d-digriet fuq imsemmi jiġi revokat, u l-attijiet jiġu rinvijati lill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili komposta kif trid il-liġi, biex dina tiddeċidi r-rikors ta' l-esponent, fil-waqt li jġib il-garanzija rikjesta mil-liġi;

***Omissis;***

Rat ir-risposta ta' l-Onorabbli Dottor Louis Galea nomine u ta' Dr. Giovanni Scicluna nomine, li opponew li l-proċeduri huma kollha nulli u ta' ebda effett ġuridiku, għaliex il-każ dedott fir-rikors oriġinali mhux wieħed minn dawk li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili. Difatti, għal dak li jirrigwarda r-Reġistru Publiku, il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti hija limitata għal każi previsti fl-artikoli 11, 36 u 37 ta' l-Att dwar ir-Reġistru Publiku (Kapitlu 93). Għalhekk id-domanda tar-rikorrent għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent ippreżenta talba lid-Direttur tar-Reġistru Publiku biex issir riċerka ta' l-insinwazzjonijiet..................., skond kif jinsab previst fl-art. 28 ta' l-Att tar-Reġistru Publiku (Kap. 93). Il-kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili kienet tirrigwarda l-mod kif l-imsemmi Direttur tar-Reġistru Publiku għamel id-dover tiegħu fuq it-talba fuq indikata, u biex tieħu konjizzjoni ta' din it-talba kienet kompetenti l-imsemmija Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarali (art. 126 (1) ta' l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Atti Notarili—Kap. 92), u dik il-Qorti hija kolleġjali, u mhux komposta minn viżitatur wieħed (art. 111 u 112 ta' dan l-aħħar Att ċitat). Għalhekk it-talba tar-rikorrent jistħoqqilha tiġi milqugħa;

Għaldaqshekk;

Tilqa' t-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra ż-żewġ intimati nomine.